

qorti, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludi interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li skonta l-inklużjoni ta' klawżola kuntrattwali ingūsta fir-reġistru ta' klawżoli pprojbiti tkun tħisser li tali klawżola titqies li hija ingūsta f'kull proċedura li tinvvoli konsumatur, inkluż:

- fir-rigward ta' bejjiegħ jew fornitur li ma huwiex dak li kontrih tressqet il-proċedura ta' inklużjoni tal-kawżola kuntrattwali ingūsta fir-reġistru ta' klawżoli pprojbiti,
- fir-rigward ta' dispożizzjoni li l-formulazzjoni tagħha ma hijiex lingwistikament identika iżda li fiha l-istess sens u tipproducி l-istess effetti fil-konfront tal-konsumatur?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-15 ta' Awwissu
2022 – Air Europa Lineas Aereas vs VO, GR**

(Kawża C-545/22)

(2022/C 424/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Air Europa Lineas Aereas

Konvenuti: VO, GR

Domanda preliminari

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjuriet, u li li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 295/91 (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kanċellazzjoni ta' titjira hija dovuta għal ċirkustanzi straordinarji meta, wara t-tifqigħa tal-pandemija dinjija tal-COVID-19 u minħabba l-kollaxx tat-traffiku tal-ajru fuq livell dinji minn Marzu 2020, trasportatur tal-ajru jkun naqqas drastikament l-iskeda ta' titjuriet tiegħu u kkanċella diversi titjuriet minħabba li ma kinu qiegħdin jimtlew b'mod ekonomikament profittabbli u bil-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-piloti, mingħajr ma kien kostrett jikkanċella t-titjira permezz ta' miżuri tal-awtoritatjet bħall-għeluq tal-ajruppi, projbizzjonijiet ta' titjuriet u probizzjonijiet ta' dħul?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Fondi (l-Italja) fit-18 ta' Awwissu
2022 – M.M. vs Presidenza del Consiglio dei ministri, Ministero della Giustizia, Ministero
dell'Economia e delle Finanze**

(Kawża C-548/22)

(2022/C 424/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di pace di Fondi